Vol. 2 Lulju 1978 Num. 3

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

# IL-ĦTIEĠA TAL-LINGWI

Minn E.A.

Fost il-mezzi li hawn sabiex pajjiż u n-nies tiegħu jingħaqdu ma' pajjiżi oħra, b'mod speċjal fil-qasam industrijali, kummerċjali u kulturali, insibu l-lingwi.

Fid-dinja f'popolazzjoni ta' madwar elfejn miljun hawn 2,967 lingwa. Elf u mitejn minn dawn il-lingwi ftit għandhom importanza għaliex huma mitkellma mill-Indjani tal-Amerika tat-tramuntana u x-xlokk iżda jifdal 1,767 lingwa oħra.

Fis-seklu sittax fl-Ewropa, tista' tgħid, kien hawn lingwa li jitkellem biha kulħadd — il-Latin. Iżda llum, għad li numru sewwa ta' Ewropej jitkellmu bl-Ingliż, ma nistgħux ngħidu li l-Ingliż ħa post il-Latin. Lanqas ma nistgħu ngħidu li se jerġa' jiġi żmien meta se jkollna lingwa oħra li se tkun bħalma kien il-Latin fis-seklu sittax. Dan huwa diffiċli li jsir għaliex hemm il-problema tal-lingwa li tintagħżel. Il-problema hija akbar biex fid-dinja jkun hawn lingwa waħda, lingwa internazzjonali.

Madankollu saru attentati biex fid-dinja jkun hawn lingwa oħra ma' l-eluf li diġa' hawn bl-iskop li ssir lingwa internazzjonali. Fl-1880 qassis Ġermaniż ivvinta lingwa oħra msejħa VOLAPUK. Jingħad li dan il-qassis kellu mal-miljun student jitgħallmu din il-lingwa ġdida. Iżda ġara li meta kienet se titwaqqaf l-akkademja ta' din il-lingwa nqala' xi tilwim fost dawk li riedu jwaqqfu l-akkademja u din il-lingwa spiċċat fix-xejn.

Wara, Dr Lazarus Ludvik Zamenhof ħareġ bil-lingwa ġdida — ESPERANTO. Din il-lingwa għandha vokabularju kompost mill-Grieg, Latin, Ġermaniż, Ingliż u Russu. Din il-lingwa nistgħu ngħidu li għamlet suċċess ħafna aktar mill-VOLAPUK.

F'Malta l-Esperanto huwa mgħallem u għandna wkoll xi xogħlijiet ta' Maltin b'din il-lingwa, fosthom traduzzjonijiet tax-xogħol tal-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm. Hawn ukoll l-Esperanto Society li ġiet imwaqqfa fl-1961. Ta' min jgħid ukoll li fl-imgħoddi f'Malta diġa' kien hawn xi għaqda oħra ta' din il-lingwa u Malta kienet ħadet sehem fl-ewwel kungress tal-Esperanto li sar fi Franza fl-1905.

Jingħad li fost dawk li kellhom għal qalbhom din il-lingwa kien hemm Mao Tse Tung u llum insibu xogħol fl-Esperanto dwar dan il-mexxej Ċiniż.

Illum li Malta qed issir ċentru turistiku qed tikber il-ħtieġa li l-Maltin jitgħallmu lingwi barranin barra mill-Ingliż, Taljan u Franċiż li numru ġmielu ta' Maltin jafu sewwa.

Il-Pulizija nistgħu ngħidu li huma minn ta' l-ewwel li jkollhom konnessjonijiet ma' l-istranġieri li jżuru pajjiżna. Fost dawn il-Pulizija nsibu dawk fil-qasam tal-Immigrazzjoni li ta' kuljum iħabbtu wiċċhom ma' nies barranin u hawn tinħass il-ħtieġa tal-lingwi.

Barra minn dan, hemm il-Pulizija fit-toroq tal-Bliet frekwentati minn dawn it-turisti. Dawn ukoll ta' sikwit iridu jaraw kif jagħmlu biex jirrispondu għad-domandi li jsiru minn eluf ta' turisti li jżuru pajjiżna.

L-amministrazzjoni studjat il-kwistjoni tal-lingwi u rajna għall-ewwel darba inċentivi biex Pulizija jitgħallmu lingwi barranin. Dawn l-inċentivi jikkonsistu f'allowances għal ċerti lingwi u żieda ta' increments għal lingwi oħra.

Fl-Ingilterra l-Pulizija għandhom allowances għal-lingwi. Bħal Malta, il-Pulizija Ingliż mhux biss irid ikun jaf b'ċerti lingwi sabiex jingħata l-allowance. Hu meħtieġ li jagħmel

Tkompli P.15

## EDITORJAL

### LIR-REKLUTI

META tkunu qed taqraw dawn il-kelmtejn tkunu diġa' bdejtu x-xogħol fid-diversi diviżjonijiet tal-Pulizija u anki forsi fassaltu xi xorti ta' programm għall-ħajja ġdida tagħkom ta' membri tal-Korp tal-Pulizija.

S'issa diġa' smajtu ħafna dwar il-ħajja tal-pulizzjot u tridu tisimgħu ħafna aktar. Minn dak li smajtu tieħdu stampa ċara tal-ħajja tagħna. Jista' jkun ukol li smajtu xi ftit żejjed jew ftit nieqes. Minn dak li smajtu għarfu u iżnu dak li hu tajjeb u japplika għalikom u imxu fuqu matul il-karriera tagħkom fil-Korp.

Aħna wkoll nixtieqú ngħidu tagħna u se ngħidulkom għaliex dħaltu u xi jrid minkom il-Korp u n-Nazjon. Naturalment intkom dħaltu għax-xogħol u għaldaqstant tridu taħdmu magħna biex dejjem tikber l-effiċjenza fil-Korp. Iżda x-xogħol mhux biżżejjed li nagħmluh għaliex obbligati li nagħmluh. Hemm bżonn li xogħolna nagħmluh bl-akbar sens ta' rġulija u responsabilta' aktar minn ta' ħaddiema oħra. Aħna nemmnu li x-xogħol tagħna għandu jsir b'ħeġġa kbira u b'armonija kemm bejnietna kif ukoll mall-pubbliku li lilu aħna obbligati li nservu. B'hekk biss is-soċjeta' tħadan il-Korp tal-Pulizija bħala ħabib.

Jekk isir dan, l-Assoċjazzjoni tagħkom, li s'issa ftit tafu dwarha, tressaq b'wiċċha minn quddiem bit-talbiet u lmenti tagħkom lejn l-awtoritajiet. Aħna ċerti li jekk ikun hemm widen għal dan l-appell sinċier tagħna, jkun hemm aktar riżultati pożittivi u naċċertawkom li l-problemi tagħna jiħfiefu u nħarsu lejn il-ħajja fil-Korp b'aktar ottimiżmu.

**Il-Bord Editorjali.**



# Small outside. Big inside.

Everybody's raving about the Toyota STARLET, the small little car with the great big interior: four adults and their luggage in total comfort.

They rave about how miserly it is with fuel too. And about the unbelievable comfort and handling.

You get the good looks and aerodynamic efficiency of unique AEROBOX styling. And you get world-renowned Toyota quality.

Test-drive our small little big car — Toyota STARLET — at your Toyota dealer today. It's great.




**THE HAPPY ECONOMIZER**

# TOYOTA STARLET

TOYOTA

**MICHAEL DEBONO** *ZEBBUG TEL: 647423*

# MILL ASSOCIATION MESS COMMITTEE

### POLICE CLUB

Fost il-postijiet li qed iħallu s-servizzi Ingliżi, l-Association saret taf b'post fil-Furjana li bħallissa qed jintuża mill-Air Malta u li kien se jiġi battal.

Saret talba għal dan il-post u ġejna nfurmati li dan se jiġi okkupat mill-Ministeru tax-Xogħol.

### GHASSA BIT-12-IL SIEGHA

Dwar l-għassa bit-12-il siegħa saru diversi rappreżentazzjonijiet iżda dawn ma ġewx milqugħha. Dan forsi minħabba ċ-ċirkostanzi tal-mument iżda aħna nsostnu li din l-għassa qed toħloq tbatija.

### IL-KODIĊI KRIMINALI

Wara l-biċċa xogħol sabiex jiġi stampat il-Kodiċi Kriminali nistennew kull membru tal-Korp li jkollu dan il-ktieb hekk meħtieġ għall-Pulizija. Nappellaw biex dawk li għadhom ma xtrawhx, jixtruh.

### IL-MOTOR VEHICLES REGULATIONS

Fadal ftit kopji tar-regolamenti tat-traffiku. Dawk li talbu kopja huma mitluba jiġbruha mill-uffiċju tal-Association sa l-aħħar ta' Lulju. Wara din id-data ma jkollhomx dritt għall-ktieb.

---

Dawk li jixtiequ jillegaw l-ewwel volum tal-"PULIŻIJA" jistgħu jagħmlu dan billi jieħdu l-magazines fl-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni.

Prezz £M1.60.0.



FL-10 TA' ĠUNJU 1978 l-Association ġiet mitluba tistudja proposta mill-amministrazzjoni dwar it-treġija tal-Other Ranks Canteen permezz ta' Kumitat maħtur mill-Association.

Fit-12 ta' Ġunju 1978 iltaqa' l-Kumitat tal-Association u wara li ġiet diskussa din il-proposta sar qbil li għandha tiġi aċċettata l-proposta u t-tmexxija tal-Mess tgħaddi f'idejn Kumitat li ġie maħtur apposta. Il-Kumitat huwa maħtur mill-imsemmija membri:

P.S. 919 M. Marshall, President.

P.C. 355 E. Attard, Segretarju.

P.S. 604 A. Barberi, Membru.

P.S. 1041 J. Cutajar, Membru.

P.C. 307 J. Calleja, Membru.

P.C. 874 L. Inguanez, Membru.

Rapport dettaljat dwar il-ħidma li bi ħsiebu jagħmel dan il-Kumitat jidher f'ħarġa oħra ta' dan il-magazin.

---

### SUMMER LEAGUE TAL-FOOTBALL

Il-Kumitat Sportiv għadu bil-ħsieb li din is-sena jiġi organizzat "7-a-side" Summer League tal Football għal membri tagħna.

Issa li numru ġdid ta' membri daħlu fil-Pulizija (fosthom hemm ukoll players tal-football) kif ukoll anke referee ieħor, nittama li dan il-ħsieb jirnexxi. L-ideja tal-Kumitat hija illi dan il league iservi kemm biex il-players li għandna jibqgħu "fit" matul is-Saj' biex meta jasal staġun ieħor ikun diġa' sar bidu f'dak li huwa preparament kif ukoll biex jingħata ċans lil kull player li juri x'jaf (kemm dawk magħrufa kif ukoll ġodda) biex meta jasal il-waqt ta' l għażla jkollna aktar minn fejn nagħżlu u li jintagħżlu l-aħjar players.

Nittama li sakemm taslilkom din il-ħarġa jkun sar dak li hemm bżonn biex dan il-league jinbeda possibilment fix-xahar ta' Lulju. Il post f'moħħ il-Kumitat huwa St. Francis Ravelin, il Furjana, fejn hemm pitch addattat u l-ħin tal-logħob ikun wara s 6.30 p.m. Il-formazzjoni tal-League kif ukoll tat teams li jipparteċipaw għandhom jiġu diskussi mill-Kumitat flimkien mad-delegati tat-teams.

A.D.

# APPRECIATION

Appreciation by the Director of Education in connection with the services rendered by the Police during the Teachers' Strike:

"Dear Mr Cachia,

I would like to thank you and your officers for the great help you gave us yesterday and the day before yesterday when the Malta Union of Teachers took industrial action.

Many of your officers and men forfeited their leave and volunteered to give Civics lessons to our students. The demonstration held at Police Headquarters was highly successful and entertaining. Every Police Station in Malta and Gozo helped in the collection of information from schools in the least possible time.

I would be grateful if you could bring to the notice of your officers and men the appreciation of the Education Department and my personal thanks.

Many thanks go also to you personally for your great co-operation.

---

### APPREZZAMENT

Apprezzament mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni in konnessjoni max-xogħol tal-Pulizija matul il-ħidma ndustrijali ordnata mill-M.U.T.

"Il-Kummissarju tal-Pulizija,

Nixtieq nirringrazzja lilek u lill-istaff tiegħek għall-għajnuna u koperazzjoni kollha li intom tajtu lill-Ministeru tiegħi u lid-Dipartiment ta' l-Edukazjoni nhar it-Tnejn 15 u t-Tlieta 16 ta' Mejju 1978 — jumejn ta' strajk ordnat mill-Malta Union of Teachers fl-iskejjel.

L-għajnuna mogħtija minnek u min-nies tiegħek kienet ta' siewi kbir biex kollox seta' jimxi sewwa fl-iskejjel tagħna.

Filwaqt li nerġa' nirringrazzjak, Inselli għalik."


Eagle Star
fully covers these risks
There is always that risk that your house can be burgled! Your jewellery stolen! Your baggage lost while travelling! Business premises can be burgled or catch fire! Your car can be stolen! You can be injured! And many others. Let Eagle Star offer you security and peace of mind.
General agents for Eagle Star since 1907.
Thos. C. Smith & Co. Ltd.
(Est 1848)
12 St.Christopher Str
Valletta.
Tel 625685,
625071,
28180.

# The Police Postal Agencies

By Nick Cutajar Part II



All except (Kirkop) show a "V.R." wall letter box

## THE LETTER BILL

An extremely interesting document has survived from this period. Known as a "letter bill", it was simply a printed sheet with a counterfoil for registering the amount of incoming mail received by the police sergeant on duty, from the postman and the amount of outgoing mail from the village which was collected by the postman. A copy of one of these "letter bills" from the Chircop Police Station now follows:—

### LETTER BILL

**(Front of Counterfoil)**

**LETTER BILL**

Forwarded to the Post Office, Valletta
From CHIRCOP on 31.10.1895

**SENT**

Letters ................................................ No. 8
Newspapers ................................................ No. 1
Total No. 9

MM — DM
4r.11.91

V.S. ........... Despatching Officer

**ACKNOWLEDGEMENT**

of Letter Bill received from the Pose Office, Valletta
Dated 30.10.1895
CHIRCOP ................................................ the 31.10.1895

**RECEIVED**

Letters ................................................ No. 8
Newspapers ................................................ No. 21
Total No. 29

Remarks V.S......................... Receiving Officer

The initials "V.S." stand for Police Sergeant Vincent Sacco whose normal procedure was to keep the counterfoil while the postman took with him to the G.P.O. the leter bill, which would be actualy identical to the counterfoil. The Police Sergeant would initial each section (4) and the G.P.O. would thus have complete check on the mail transaction at each and every village Police Postal Agency. The letter "MM-IM" and "4r.11.91" (which could signify date) are still a mystery. Maybe readers can explain them. Did "4r" stand for "fourth" district or some code number for the "letter Bill"?

## THE DATE — STAMPS

On the 10th July 1900, twenty-seven Date-Stamps were sent from the London G.P.O. for use in the following villages:

ASCIAK, ATTARD, CACCIA, CHIRCOP, CRENDI, CURMI, DINGLI, GARBO, GARGUR, GHAIN SIELEM, GUDIA, LUCA, MICABBIBA, MISIDA, MUSTA, NADUR, NAXARO, PAULA, SAFI, SANNAT, SIGGIEUI, TARXIEN, XEUCHIA, ZABBAR, ZEBBUG, ZEITUN, ZURRICO.

There are conflicting suggestions as to method of use of these date stamps. One thing is certain:— the datesstamp was applied to a postal article at the respective village. The datestamp and the ink pad were most probably kept in a strong metal box in the village police station; the box was fited with a double lock, one key for which kept by the Police Sergeant, and the other kept by G.P.O. or the nearest branch post office (Cospicua, Sliema, Notabile, in Malta; Victoria and Migiarro in Gozo).

## COLLECTIONS AND DELIVERIES

The postman would collect the key to the strong box and the mail for delivery to the village from the G.P.O. Main Sorting Office or the Branch Post Office and hand over the mail to the Police Sergeant who registers the amount on the letter bill and the counterfoil.

The postman would then collect the mail which had been posted in the wall letter box outside the police station. The Police Sergeant would then register the amount of Bill and its counterfoil, initialing both segments, separating them, keeping the counterfoil.

The two of them then use their keys to open the strong box, take out the datestamp and ink pad, and cancel the outgoing mail collected from the wall letter box. When all letters have been treated, the date-stamp and ink pad are placed back into the strongbox, re-locked with both keys and stored away for the following day. This procedure would be repated with maybe minor variations at all the village postal stations.

Once again, some of these strong metal boxer might still be around buried in store rooms. It has been suggested that the Zurrieq Police Station still had its stamp box up to 1957. I'm sure, the Editor would welcome any information leading to the eventual discovery of a strong box (applying investigative language) and be made available to the G.P.O. for display in the National Postal Museum, when and if this is ever set up.

The Police Force, through the Village Stations played a very imoprtant role in the de

# The Trade Leader in the 80s with a name for reliability and quality

# MUSCATS GENERAL STORES LTD.

Malta's leading importers of **refrigerators, washing machines, cookers, food mixers, televisions and sportswear.**

Leading specialists in refrigeration and heating, kitchen catering equipment for Hotels, Restaurants and Bars—Laundry Machinery & Equipment.

MGS MUSCATS GENERAL STORES LTD

15-16 REPUBLIC STREET, VALLETTA

Tel: 626242 – 28228

***Over 150 years of Trading in Malta.***

velopment of the postal service in the Maltese Islands. That role was maintained for almost a quarter of a century. In 1921, following the re-organiaztion of the Post Office, Malta was divided into six postal districts, each district with its own Branch Post Office. As a result, the datestamps were withdrawn from all the Village Police Stations, having served their duty at the postal agencies which ceased to function.

Many of the police stations which once served as postal agencies are still functioning. The following is a list of the various stations with their address and year of use. The list is subject to correction and amendments and would welcome any through the Editor. One final word: readers should examine any old envelopes and postcards they come across. A postmark with the name of one of the villages from the list was, certainly applied at the respective police station when it served as a postal agency.

# MILL-IMGHODDI



Fil-ħarġa ta' Ġunju ingħad xi ħaġa dwar it-tiġrijiet tal-bhejjem u li fl-imgħoddi kienu jsiru fi Triq il-Prinċepessa Melita (Dawk tal-Karmnu) Dan ir-ritratt juri t-tiġrijiet tal-Karmnu f'din it-triq fl-1929.

| VILLAGE | ADDRESS | PERIOD OF USE |
|---|---|---|
| ASCIAK | 63-65 St. Mary Street | up to 1971 (?) |
| ATTARD | 1-2 Strada Reale | up to 1918 |
| | 6 High Street | from 1918 |
| BALZAN | 199 High Street | closed in 1920 or 1921 |
| BIRCHIRCARA | 19 St. Roque Street | up to 1903 |
| | 164 High Street | from 1903 |
| CACCIA — GOZO (XAGRA) | 11-12 Church Street | Since 1883 |
| CASAL-LIA | ??? Main Street / 45 Bakery Str. | Since (?) |
| CHIRCOP | 34 St. Roque Street | between 1910-1940 |
| CRENDI | 1 Church Street | Still in use |
| CURMI | 75 High Street | Dates unknown |
| DINGLI | 47 Main Street | up to 1934 |
| GARBO GOZO (GHARB) | 57-59 Church Street | no longer in use |
| GARGUR | 14-16 Strada Brittanica | no longer in use |
| GHAIN SIELEM — GOZO | 76 Ghainsielem Street | up to 1919 |
| | 7 Church Street | from 1919 |
| GUDIA | 165-166 Main Street | since c.1897 |
| HAMRUN | 1 St. Paul's Square | still in use |
| LUCA | 134 Carmel Street | 1900-1904 |
| | 73 Parish Street | 1904-1918 |
| | 10 Church Street | 1918-1930 |
| MARSA | 19 Ċejlu Street | bombed and rebuilt |
| MELLEHA | Strada Reale Piazzetta | still in use |
| MICABBIBA | 17 Parish Street | still in use |
| MISIDA | 2 3 Valley Road | no longer in use |
| MUSTA | 241 Main Street | up to 1914 |
| | 20 Eucharistic Congress Road | 1914-1926 |
| NADUR — GOZO | 49 St. Peter & St. Paul Square | still in use |
| NAXARO | 46-48 Piazza Victoria | dates unknown |
| PAULA | 104 Paula Square | closed 1909 |
| SAFI | 19 St. Paul's Street | dates unknown |
| ST. PAULS BAY | Wignacourt Tower | up to 1931 |
| SANNAT — GOZO | 22 Main Str. (No. 11 originally) | stil lin use |
| SIGGIEUI | 69 St. Nicholas Street | stil lin use |
| TARXIEN | 63 Xintilli Street | up to 1909 |
| | 24 Tarxien Street | since 109 |
| XEUCHIA — GOZO | 86 Racecourse Street | since 1887 |
| ZABBAR | 40 Main Street | up to 1916 |
| | 58 Sanctuary Street | since 1916 |
| ZEBBUG | 53 Parish Street | still in use |
| ZEITUN | 43-45 Mater Boni Consigli Street | " " " |
| ZURRICO | 36-37 High Street | up to 1914 |
| | 65 St. Catherine Street | since 1914 |




# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.

WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.

SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# IL-PULIZIJA ZMIEN L-INKIZIZZJONI

**MINN WALTER CAMILLERI**

Aktar ma mmorru lil hinn mill-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta fl-1800, aktar ikollna żmien iebes quddiemna x'nistudjaw fuq il-Pulizija ta' Malta. It-tagħrif fuq il-Pulizija f'dawn iż-żminijiet huwa nieqes ħafna jew ma hux ċar biżżejjed. Minn dan l-istadju lura, il-Pulizija tis-semma ftit li xejn. Aħna, l-aktar li jinteressana huwa l-Pulizija ta' dahri vis-a-vis illum.

Ċertament li xi xorta ta' Pulizija f'dak iż-żmien u aktar qabel kien hawn. Il-pulizija jista' jkun li kienet tissejjaħ xorta oħra u taqa' taħt awtoritajiet li ma jixbħux lil tal-lum. Hu x'hinu l-każ, sejrin nippruvaw insibu l-Pulizija fi żmien imbiegħed u naraw x'parentela għandha magħna llum.

Is-suġġett tal-lum hu:— "Il-Pulizija — Żmien l-Inkiżizzjoni". Sejrin nippruvaw insibu l-Pulizija f'dan iż-żmien li ma tantx nafu dwaru. Bosta huma dawk li ma jafux xi tfisser l-Inkiżizzjoni. Mil-limitazzjonijiet tagħna sejrin ngħidu li ħaġa żgħira dwarha. Ftit tagħrif fuq hekk jiswa ħafna u malajr nifhmu x'relazzjoni hemm bejn il-Pulizija u l-Inkiżizzjoni nnifisha.

L-inkiżizzjoni huwa tribunal tal-Knisja li twaqqaf bl-iskop li jiddefendi u jiġġudika każijiet li jitressqu quddiemu dwar persuni li jkunu wettqu jew kienu se jwettqu jew kien hemm suspett li wettqu xi reat kontra t-twemmin nisrani, l-akar l-eretiċi.

Minn banda jiddefendi t-twemmin nisrani u mill-oħra jiġġudika, f'għamla penitenzjali l-akkużati.

Kellu s-setgħa li jikkundanna daqs kull qorti oħra. Bosta mill-kastigi kienu:— ħabs, qdif fuq ix-xwieni, tkeċċija mill-gżira, u saħansitra l-mewt billi l-akkużat jinħaraq ħaj.

L-inkiżizzjoni oriġinat ruħha fl-1184 fi żmien il-papat ta' Luċju III. Kien hawn tliet xorta t'inkiżizzjoni. L-ewwel dik magħrufa 'Taż-żmien tan-nofs', it-tieni dik 'Spanjola' u ta' l-aħħar dik 'Rumana'. Dik ta' Malta kienet tappartieni lil ta' l-aħħar — Rumana, magħrufa wkoll 'Tas-Sant'Uffizzju'. Din l-inkiżizzjoni twaqqfet mill-Papa Pawlu III fl-1542.

Din l-inkiżizzjoni daħlet f'Malta fis-sena 1561, bl-ewwel inkiżitur l-Isqof Cubelles u spiċċat minn fostna mal-wasla tal-Franċiżi fl-1798, bl-aħħar inkiżitur Carpegna. B'kollox kien hawn tnejn u sittin inkiżitur, bil-palazz residenzjali tiegħu fil-Birgu. L-istess palazz kien iservi ta' qorti u ħabs. Dak tal Girgenti kien ir-residenza tas-sajf.

L-inkiżitur kif rajna kellu funzjoni għalih, differenti u indipendenti mill-Isqof u mill-Granmastru, li huma wkoll kellhom l-amministrazzjoni u l-qorti tagħhom. F'bosta każijiet kienu jinvolvu ruħhom it-tliet amministrazzjonijiet f'daqqa.

Nibqgħu fuq l-inkiżitur u induru dawra ħafifa miegħa. Biex tmexxi qorti jrid ikollok l-uffiċjali. L-inkiżitur waħdu ma jmexxix qorti.

Fost l-uffiċjali tal-qorti ta' l-inkiżitur insibu:— il-Konsulturi — dawk li jagħtu l-pariri meħtieġa, ingħidu aħna qishom l-avukat tar-Repubblika; il-Ministri; il-Patentati; il-Kalzriera; l-Ajjutanti tal-kalzriera u l-Cursores.

Minn dawn l-uffiċjali l-aktar li jinteressawna huma l-Cursores. Huma l-aktar li jqarrbu lejn il-Pulizija ta' żmienna.

Dawn il-Cursores — messaġġiera — kienu mpieqati ma' l-inkiżitur biex jaqdu xogħol barra l-qorti. Kienu jmorru għand dik il-persuna li tkun akkużata jew xhud fil-każ, javżawhom li sejrin jidhru quddiem l-inkiżitur akkużati bit-tali reat, igħidulhom il-jum u l-lok fejn jidhru. Xogħolhom kien biex nifhmu aħjar bil-lingwa tal-lum, iqassmu t-taħrika.

Dawn il-Cursores kellhom l-isem propju tagħhom. Kienu jissejħu "Familjari ta' l-inkiżitur". Familjari tfisser qaddej. Jissejħu hekk għax kienu eżenti mill-awotrita' ta' l-Isqof u tal-Granmastru. Dan kien privileġġ tal-Cursores. Bl-ebda mod ma kienu jissejħu Familjari għax kienu jiġu mill-inkiżitur.

L-Inkiżizzjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha għoxrin Cursores jew Familjari u dan b'ordni ta' Ruma.

Meta dan in-numru naqas għal tnax, fi żmien Bovio, Is-Sant'Uffizzju ta' Ruma fl-1642 ġiegħlu jżidhom għal għoxrin. Minn dan naraw l-importanza li kellhom dawn il-Familjari fit-tribunal ta' l-inkiżitur.

Ta' min isemmi li fi żmien l-inkiżizzjoni kull min kien iwettaq jew kien ikun jaf b'xi reat kontra t-tagħlim nisrani kien obbligat fil-kuxjenza li jirrapporta. Ngħidu wkoll li, meta kien ikun hemm bżonn li tintuża l-forza, biex jiġi arrestat jew biex jidħlu għand xi ħadd, kienet tintalab l-għajnuna tal-Granmastru (ċivil) u dan minnaħa tiegħu kien jistmaħ u iaġixxi fuq it-talba tiegħu. Dan ix-xogħol kien ukoll isir mill-Cursores/Familjari ta' l-inkiżitur. Għal darb'oħra nerġgħu naraw xebħ sħiħ mal-pulizija ta' żmienna.

Bejn wieħed u ieħor, parti mix-xogħol tal-Pulizija tal-lum kien jeżisti fi żmien imbiegħed, żmien l-Inkiżizzjoni. Darb'oħra naraw żmien il-Granmastri u l-Isqof, u b'hekk inkunu ġbarna ftit tagħrif li jkopri ż-żmien tan-nofs ta' l-isorja ta' Malta.

# Membri Ġodda fil-Korp

Fil-5 ta' Ġunju, 1978 60 membru ġdid tal-Korp tal-Pulizija (16-il Kuntistabbli mara u 44 Kuntistabbli raġel) ħadu l-ġurament ta' Lealta' quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija. Dan l-ingaġġ sar wara eżamijiet li saru dan l-aħħar. Il-Kuntistabblijiet rġiel kienu membri tal-Korp tal-Pijunieri ta' Malta, Dirgħajn il-Maltin, Ħaddiema Awżiljari u ex-membri ta' l-Admiralty Constabulary ta' Malta.

L-Eżami tal-Irġiel kien jikkonsisti f'Intervista u Eżami ta' Xeħta, Eżami Mediku u Eżami bil-miktub ta' l-Ingliż, Malti u Aritmetika.

L-eżami tan-nisa, barra minn dak li ssemma' hawn fuq, kien jikkonsisti wkoll f'għażla ta' suġġetti minn fost diversi lingwi, jiġifieri Franċiż, Taljan u Ġermaniż u suġġetti oħra ta' shorthand, typing, Accounts u General Knowledge.

Il-Kummissarju, qabel il-ġurament, qal fhiex kien jikkonsisti dan il-ġurament li kienu sejrin jieħdu, jiġifieri dak li l-Pulizija tkun leali u fidila lejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tagħha kif ukoll x'inhuma d-doveri tal-Pulizija.

Wara li s-60 rekluta ffirmaw il-ġurament, il-Kummissarju kellem l-Pulizija nisa fejn qalilhom li issa li saru membri tal-Korp ma għandhomx jieqfu hawn għaliex se jkun hemm inċentivi ġodda fil-Korp u fosthom hemm dawk li l-Pulizija Nisa jistgħu jersqu għall-eżamijiet tas-Surġenti kif ukoll ta' l-Ispetturi. Il-Kummissarju rrefera għall-pajjiżi barra minn Malta fosthom l-Ingilterra u l-Iskozja fejn fizzjali nisa jokkupaw il-kariga ta' anki Assistent Commissioner u dawn barra milli jagħtu lectures lill-Pulizija jinvestigaw każijiet kriminali wkoll. Dwar l-inċentivi, il-Kummissarju semma l-lingwi barranin li anki hemm allowances għal min ikun jafhom, barra minn dan hemm il-faċilitajiet li wieħed jitgħallem lingwi bħall-Għarbi, Taljan, Ġermaniż u Franċiż.

Il-Kummissarju tkellem ukoll dwar il-Kodiċi Kriminali li stampat l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija bl-iskop li kulħadd ikollu fuqhiex jitgħallem. Huwa qal li dan il-ktieb jista' jissejjaħ il-Bibbja tal-Pulizija u minn fuqu l-Pulizija jistgħu jkollhom idea sewwa ta' kif tesegwixxi x-xogħol tagħha.

Barra mil-lingwi, il-Kummissarju qal li l-Pulizija Nisa se jkollhom iċ-ċans li jitgħallmu wkoll il-Karate u 'Horse Riding' u ħadd ma għandu għax jibqa' lura minħabba l-mistħija.

Fl-aħħar tad-diskors tiegħu lill-Pulizija Nisa, il-Kummissarju rrefera għal għadd ta' turisti li qed iżuru Malta u li l-Pulizija għandha d-dover li tagħti l-għajnuna lil dawn it-turisti meta jinħtieġuha u l-istess għandha tagħmel lill-pubbliku.

Wara l-Kummissarju kellem lill-Pulizija rġiel u qal li meta għamel indirizz lill-Korp wara l-ħatra tiegħu ta' Kummissarju, huwa kien qal li kull ma jrid huwa Xogħol, Onesta' u Dixxiplina u dan huwa li ried mirrekluti. Il-Kummissarju reġa' tenna l-inċentivi li kien hemm fil-Korp.

Dwar il-korsijiet, il-Kummissarju qal li fil-ġejjieni dawn se jkunu ntensivi bl-iskop li l-Korp tal-Pulizija dejjem ikattar l-effiċjenza u l-Pulizija tagħmel ġieħ mhux biss lill-Korp iżda lin-Nazzjon.



Ir-rekluti waqt il-ġurament ta' Lealta.

# Rijorganizazzjoni fil-garage tal-pulizija

Minn sena għal-oħra n-numru ta' vetturi tal-Pulizija qed jiżdied u għaldaqstant in-ħasset il-ħtieġa li ssir rijorganizzazzjoni fil-garage tal-Pulizija fejn il-vetturi tal-Pulizija jiġu msewwija kif ukoll jingħataw 'maintenance' minn żmien għal żmien.

Il-garage tal-Pulizija jikkonsisti fi blokk bini li jservi ta' Quarters għax-xuffiera tal-karozzi tal-Pulizija li jieklu u jorqdu fil-post. Fis-sular ta' fuq ta' l-istess bini jinsabu l-uffiċini mnejn titmexxa l-amministrazzjoni tal-Mechanical Transport Section.

Barra minn dan il-bini hemm is-sezzjoni l-oħra fejn jinsabu l-workshops tal - mechanics, welders, panel beaters u spray painters. Ta' min isemmi li dan il-post kien jintuża mis-Servizzi Ingliżi għall-istess skopijiet, jiġifieri dak ta' twissijiet ta' karozzi u fl-1969 dan il-post ġie mgħoddi lid-dipartiment tal-Pulizija.

Ftit taż-żmien ilu beda t-tkabbir u t-tqassim tal-garage, liema xogħol qed isir mill-Pulizija tal-Fire Brigade li volontarjament qed jagħmlu x-xogħol tal-ġebel. Ta' min igħid ukoll li x-xogħol kollu qiegħed isir taħt il-ħarsien tal-Kurunel Zampieri u l-Marixxal Stasi tal-Missjoni Militari Taljana.

Fost il-bini l-ġdid sar dak ta' Store li qed jiġi mgħammar bi 'spares' tal-vetturi tal-Pulizija. Li spare parts, fil-futur hu maħsub li jibdew jinxtraw bis-sistema tal-'bulk buying' bl-iskop ta' ekonomija, effiċjenza u inqas ħela ta' ħin.

Parti ġdida oħra tikkonsisti f'Battery Room fejn jiġu ċċarġjati l-batteriji tal-vetturi. F'din il-kamra li hija mgħammra b'apparat ġdid jistgħu jiġu ċċarġjati madwar 24-il batterija f'ħin wieħed. Ta' min isemmi wkoll li hekk kif tidħol vettura għat-tiswija, il-batterija tagħha tiġi ċċarġjata waqt li l-karozza tkun qed tissewwa.

Il-ħtiġijiet tal-ħaddiema ma tħallewx barra u twaqqfet 'shower room' ġdida fejn il-ħaddiema jistgħu jinħaslu. Hu maħsub ukoll li jkun hemm



L-ISTORE

dormitorji ġodda kemm għax-xufiera kif ukoll għall-membri tat-taqsima tat-tifi tan-nar.

Il-parti l-kbira tat-tiswijiet tal-vetturi jsiru f'workshop kbir fejn hemm seba' pettijiet tal-vetturi. Dan il-workshop ġie fornut b'sistema u b'għodda ġdida u llum insibu li kull ħaddiem juża u huwa responsabbli mill-għodda tiegħu.

Dan l-aħħar sar arranġament biex issir 'overhaul' fil-vetturi kollha tal-Pulizija, u kull vettura li minħabba x-xogħol li tagħmel, lejl u nhar ikun meħtieġ li jinqatgħu xi partijiet tal-body minħabba s-sadid. Wara l-vetturi jiġu miżbugħa mill-ġdid. Dan ix-xogħol kollu jsir minn membri tal-Korp tal-Pulizija li huma mħarrġa sewwa f'dan ir-rigward.

Barra mix-xogħol ta' tiswijiet ta' vetturi, fil-workshops tal-garage jsir ħafna xogħol ieħor b'mod speċjali xogħol ta' ħadid. Fost dan ix-xogħol insibu tiswijiet ta' 'barriers' u ta' tabelli tat-traffiku. Ta' min isemmi wkoll li saru diversi xogħlijiet tal-ħadid (Ferro battuto) fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija liema xogħlijiet inħaddmu minn membri tal-Korp.

Minn ftit taż-żmien 'l hawn wieħed jista' jinnota d-differenza fis-sura tal-Garage tal-Pulizija. Barra milli dbajjad u nżebagħ tista' tgħid kullimkien, twaħħlu wkoll tabelli ma' kull qasam tax-xogħol.

Fl-aħħar ta' min isemmi l-ħidma kbira tal-Marixallo Nino Stasi tal-Missjoni Militari Taljana li b'ħeġġa u bi bżulija kbira flimkien mal-Ispettur Alfred Abela, li għandu taħt il-kariga tiegħu l-garage, qed igħinu biex din ir-rijorganizzazzjoni fil-garage tħalli l-frott mixtieq.



ANNOUNCING

# THE NEW PEUGEOT 305 SALOON




**1300cc or 1472cc, Engine**

First consignment already sold
Few cars available from next shipment

***Come and order one today***

**You can see them on show at:**
**Sole concessionaires:**

## FIRM MICHAEL ATTARD

**National Road, Blata l-Bajda**

**Tel: 21951 — 28854**



# KONT TAF LI...?

Issa li għandna wkoll ir-regolamenti tat-traffiku f'idejna u wieħed jista' jakkwisthom bi ftit flus tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwarhom.

Dawn mhux xi ħaġa ġdida għalina u nsibu li eżattament fl-1 ta' Ottubru 1929 ħarġet ordni lill-Pulizija sabiex ikunu jafu xi jgħidu dawn ir-regolamenti u l-Pulizija kollha ġew mogħtija kopja ta' dawn ir-Regolamenti li kienu ġew ippubblikati bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan.

Ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur kienu wkoll ġew ippubblikati bl-Ingliż u bil-Malti għal ħabta tal-1947. Ix-xogħol sar fil-Lux Press li kienu ġew maħtura bħala stampaturi tal-Gvern biex jistampaw dawn ir-Regolamenti.

U la ssemmew dawn ir-regolamenti tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar il-liġijiet ta' Malta li nsibu f'ħafna Għasses tal-Pulizija kif ukoll f'uffiċini oħra tal-Pulizija.

F'ċirkolari maħruġa fis-6 ta' Settembru 1955 (H.Q. Circular No. 166) ħarġet ordni li dawn il-liġijiet kif ukoll regolamenti oħra bħal ma huma l-Wines and Spirits Regulations eċċ. jinżammu emendati — "are constantly kept up to date".

Illum huwa fatt inegabli li huwa kważi mpossibbli li tlaħħaq ukoll ma' dan ix-xogħol fl-uffiċini tagħna, għalkemm ħafna huma dawk li jieħdu nteress u jemendaw il-liġijiet u regolamenti tagħhom personali u jitraskuraw tas-servizz.

Hawn nixtieq nagħmel suġġeriment li sinċerament nixtieq narah li jiġi studjat. Tkun ħaġa sewwa kieku jkun hawn uffiċċju (anke bi bniedem wieħed) fejn jiġu emendati l-liġijiet u regolamenti tal-Għasses ta' Malta kollha. Dan jista' jsir billi jintalbu wieħed wieħed u xi darba jitlestew. Naturalment wieħed jemenda dawk il-liġijiet li huma ta' bżonn għall-użu tal-Pulizija. E.A.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Luliu kienu għall-familji ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Surġent Maġġur Robert Gray.



Ex-Kuntistabbli Nru. 455 Paul Calleja.

Hdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom. Għatihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

---

F'isem il-membri kollha tal-Korp nixtiequ nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-Kummissariu tal-Pulizija u lil qrabatu wara t-telfa ta' ommu Anħonia li ġrat fil-31 ta' Mejju, 1978.

Agħtiha O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

F'MESSAĠĠ maħruġ fl-1 ta' Ġunju 1978 il-Kummissarju rringrazzja l-membri kollha tal-Korp, lill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, lil International Police Association (Malta) u lil impjegati tas-servizz pubbliku tad-Dipartiment tal-Pulizija li wrew sogħba għat-telfa ta' ommu u li attendew għall-funeral.

---

# ATT TA' MINN IFAHHRU

GĦALKEMM mhux possibli li tiġi ppubblikata l-ħidma kollha tal-Pulizija f'dan il-magazin, iżda ċerta ħidma li turi dedikazzjoni għax-xogħol ma għandiex titħalla barra u se nibdew nippubblikaw taħt it-titlu fuq imsemmi każijiet meritati li jidhru f'dan il-magazin.

Bħala bidu għażilna ta' Spettur li għadu jibda l-karriera tiegħu fil-Korp — L-Ispettur Angelo Faruġia.

F'April 1978, wara nvestigazzjoni mmexxija mill-imsemmi Spetur żewġ żgħażagħ tressqu quddiem il-Qorti akkużati li kkommettew serq minn propjeta' f'Tas-Sliema u f'B'Kara.

L-investigazzjoni tmexxiet minn dan l-Ispettur li għalkemm għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu wera ħerqa u dedikazzjoni għax-xogħol bilmod ta' kif mexxa l-istħarriġ tal-każ.



Angelo Farugia

Minn din il-kolonna nawguraw lill-Ispettur Farrugia aktar suċċessi bħal dawn li jagħmlu mhux biss isem sabiħ tal-Korp iżda ġid lis-soċjeta'.

# GRUNDIG NEWS

SOLE AGENTS

**Jokate**

invites their esteemed clientele to visit the **NEW GRUNDIG AUDIO VISUAL DEPARTMENT,** where the latest complete range of **GRUNDIG** audio visual products for 1978 are on display.











See the Grundig range at **Jokate** GROUP LTD Sole Agents
VALLETTA 47 Zachary Str./PIETA' 43a Gwardamanġa Hill

GRUNDIG
Quality Remains Quality



# BRITANNIA RESTAURANT

3, St. Lucia Street, Valletta

Unique for the best

- PASTA
- STEAKS
- LASAGNE

Enjoy exclusive atmosphere of under-ground restaurant at the

**BRITANNIA**

QUICK SERVICE

POPULAR PRICES



# CAFE' PREMIER

QUEEN'S SQUARE

VALLETTA

Well known for the most

- Delicious Confectionery,
- Pastries and
- Refreshments.

*Cafe' Premier*

*the one and only Open Air Cafe' in Valletta, enjoying unique reputation of an elite rendezvous for many years*

# Apparat Għal 'Police Jazz Band'



L-Ambaxaxtur Libjan, il-Kummissarju u l-Direttur ta' "Leħen il-Hbiberija u Solidarjeta" waqt il-preżentazzjoni.

Fit-30 ta' Mejju 1978 l-Ambaxxatur tal-Ġemaħerija Libjana għal Malta, Mr Mohammed Z. Jellala, ippreżenta tagħmir tal-mużika li jikkonsisti f'kitarra elettrika, amplifier u speaker a' 130 watt lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan l-apparat inxtara minn "Leħen il-Hbiberija u Solidarjeta" u se jibda jintuża mill-Jazz Band tal-Pulizija.

L-Ambaxaxtur Libjan, waqt diskors li għamel, qal li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi daħlet f'kull qasam, fosthom anke bejn il-Korp tal-Pulizija Maltija u dak Libjan. Mr. Jallala kompla jgħid li din il-koperazzjoni ġiet imkabbra bl-isforzi tal-Kummissarju tal-Pulizija li żar il-Libja għal iktar minn darba u ltaqa' ma' l-awtoritajiet tal-Pulizija Libjana u anki mas-Segretarju ta' l-Intern.

Il-Kummissarju tal-Pulizija rringrazzja lill-Ambaxaxtur Libjan għat-tagħmir li ġiet mogħtija l-Pulizija u esprima x-xewqa tiegħu biex din il-koperazzjoni tkompli tikber kif qiegħda tikber bejn iż-żewġ gvernijiet.

Għal din iċ-ċerimonja attendew ukoll id-Direttur ta' l-Istazzjon "Leħen il-Hbiberija u Solidarjeta" Mr. Ahmed O. El-Ferjani, membri ta' l-istaff ta' l-istess stazzjon u membri tal-Jazz Band tal-Pulizija.

TKOMPLI MINN P.1

użu minn din il-lingwa fil-qadi ta' dmirijietu. Ta' min isemmi wkoll li huwa meħtieġ li l-Pulizija jgħaddi minn eżami ċivili jew xi eżami ieħor. Din ta' l-aħħar, jiġifieri ta' eżamijiet jew kwalifiki oħra, mhix ċara fil-każ tal-Pulizija tagħna u ta' min jiċċarha.

Minn xi żmien ilu l-Pulizija bdew jingħataw faċilitajiet tajbin biex jitgħallmu xi lingwi barranin bħat-Taljan, Ġermaniż, Franċiż u Għarbi. Numru sabiħ ta' membri tal-Korp bdew jattendu korsijiet u għalkemm mhux kulħadd kompla, iżda nistgħu ngħidu li korsijiet ta' din ix-xorta ħallew u għad iħallu ħafna frott.

Bħal kull ħaġ'oħra f'korsijiet ta' din ix-xorta jkun hemm xi wħud li jieħduhom b'aktar serjeta' minn ċerti oħrajn u naturalment jiksbu riżultati aħjar. Tkun ħaġa sewwa kieku nies bħal dawn jibqgħu taħt għajnejn l-amministrazzjoni bl-iskop li jkomplu l-istudju tagħhom tal-lingwa li jkunu għażlu. Dan ċertament għandu jħalli ħafna frott fil-futur għaliex ikollna nies li jkunu ta' għajnuna kbira għall-Pulizija b'mod speċjali fil-qasam tal-immigrazzjoni.

Il-ħtieġa tal-lingwi, illum qiegħda tinħass ukoll anki fix-xogħol tal-investigazzjonijiet b'mod speċjali l-interrugazzjoni. Hawn il-Pulizija jkun meħtieġ li jkun mistħarreġ tajjeb għaliex dan huwa xogħol ta' importanza kbira.

Ta' min isemmi wkoll li mhux l-ewwel darba li membri tal-Korp għamluha ta' interpreti fil-Qorti. Huwa tajjeb li wieħed ikun jaf li meta dawn il-Pulizija jiġu mqabbda mill-Qorti sabiex jagħmluha ta' interpreti, dawn jitħallsu ta' dan ix-xogħol u għalkemm ir-rata tal-ħlas mhix bħal ta' interpreti oħra peress li aħna mpjegati tal-Gvern, iżda jibqa' l-fatt li hemm il-ħlas għal dan ix-xogħol u dan huwa nċentiv ieħor barra minn dawk tal-'allowances'.

## KIF NITGHALLMU LINGWA BARRANIJA

Fl-imgħoddi t-tagħlim tal-lingwi kien permezz ta' għalliema u kotba, iżda llum għandna metodi oħra. It-tagħlim fih innifsu jista' jkun xi ftit monotonu b'mod speċjali għall-kbar. Barra minn dan hawn min jixtieq jitgħallem xi lingwa barranija u ma jistax jattendi għall-korsijiet. Għal dan hemm mezz ukoll u llum insibu l-'Linguaphone Language Courses' fejn tista' tisma' lezzjonijiet irrekordjati fuq tapes b'dik il-lingwa li wieħed ikun għażel li jitgħallem. Jingħad li dan huwa metodu aħjar ta' tagħlim għarraġuni li meta wieħed jisma' d-diskors jitgħallem aktar min meta jaqrah. Ma ninsewx li kulħadd tgħallem l-ewwel lingwa b'dak li kien jisma' — l-ebda tarbija ma tgħallmet titkellem għaliex qrat xi ktieb. Barra minn dan, wieħed jista' jitgħallem lingwa billi jdoqq dawn it-tapes id-dar jew fil-karozza. Dan jista' jidher monotonu, iżda għal min irid jitgħallem ma għandu jara xejn ta' dwejjaq. Jingħad li f'Vancouver, negozjant ta' 27 sena ġie mgħallem jittraduċi bl-Ispanjol f'ħin ta' 61 siegħa. Dan sar waqt kors intensiv u bla waqfien lanqas għall-mistrieħ u ingħata ikel mill-inqas. Każ ieħor kien ġor-Russja fejn wieħed tpoġġa f'ċella u ġie 'brain-washed' biex jitgħallem lingwa fi 48 siegħa.

Bħala għeluq għal dan l-artiklu għażilt versi minn poeżija ta' Manwel Dimech bħala appell biex min jista' jitgħallem u għandu ċ-ċans jitgħallem:

**"Ilsien wieħed mhux biżżejjed;**
**Tnejn jew tlieta meħtiġin;**
**Erbgħa aħjar, u aħjar ħamsa**
**U jekk tista' aħjar għoxrin."**




**DON'T LET** your ceiling get on top of you. Call **Marsa Plastics Ltd — the Suspended Ceiling Specialists** and walk tall. Not only will we put you a first class suspended ceiling on your head with the minimum of fuss and bother — but we'll leave you free to get on with other things while we do it. All you have to do is tell us what you want and when — we'll do the rest. Scaffolding, Labour, Materials — we'll supply the lot.

*Call the Specialists for Free Estimates*

*Marsa Plastics Limited*

*INDUSTRIAL ESTATE MARSA*

**TELEPHONE 621266 — 621267**



**CROWN Super Personal Portable TV and AM/FM Radio**



**AKAI**



*MALTA SOLE AGENTS FOR:-*

**YAMAHA - AKAI - TEAC - YAIRI - CROWN**
**NISCO - SHURE - 3 M Scotch Tapes**
**VOXSON - EUROPHON - EKO - FARFISA**
**JEN KNIGHT - SELMER - HOFNER**

**NANI** EST. 1842

**DEDICATED TO QUALITY MUSIC**
8, South Str., Valletta-MALTA

# Pağna għan-Nisa

## Wine and Cheese Party Minn Tessie Incorvaja

Kemm hawn min xi darba tħajjar jagħmel Wine and Cheese Party u minħabba xi diffiku'tajiet bħal ma huma x'ġobon se nużaw, kemm se nużaw u affarijiet oħra bħal dawn dejjem baqa' lura u spiċċa b'ex ma organizza xejn?

Issa li t-temp jippermetti dawn il-parties jistgħu jsiru f'x bitħa jew fuq xi bejt jew f'xi ġnien u dan il-party jingħata dehra differenti minn parties oħra li soltu norganizzaw.

### X'SE NUŻAW — IL-ĠOBON

Nibda biex ngħid li l-ġobon ivarja sewwa fit-togħma u għaldaqstant huwa mportanti li nużaw varjazzjoni ta' ġobon biex nolqtu l-gosti ta', jekk jista' jkun, kulħadd. Ma ninsewx li mhux kulħadd iħobb togħma pikkanti.

L-aktar numru ta' kwalitajiet ta' ġobon jiġi mill-Ingilterra u ta' min jgħid ukoll li fi Franza tista ssib madwar 400 kwalita ta' ġobon, iżda 100 biss huma kummerċjali. Barra minn dan hemm il-famuż ġobon li jiġi mill-Isvezja, id-Danimarka u mill-Italja u peress li biex tgħid fuq il-kwalitajiet ta' ġobon huwa suġġett vast ħafna u mhux is-suġġett tagħna, se ngħid xi ħaġa dwar dak li l-aktar huwa popolari fostna u li nsibuh fis-suq — il-ġobon Cheddar.

Il-ġobon Cheddar kif jaf kulħadd huwa fost l-aktar popolari u dan kien ġie prodott għall-ewwel darba f'Somerset l-Ingilterra u fil-bidu kien jinbiegħ l-aktar lit-turisti li kienu jmorru jżuru dak il-post fejn kien jiġi immanifatturat dan il-ġobon.

F'Malta dan il-ġobon jitt'ekel ħafna b'mod speċjali mal-ħobż tagħna kif ukoll imdewweb fuq l-ikel. Kwalitajiet oħra ta' ġobon huma dawk ta' Cheshire, Lancashire, Derby, Double Glouchester u Leicester. Dawn il-kwalitajiet ta' ġobon Ingliż huma kollha rotob ħafna.

Fost il-ġobon Svizzeru hemm dawk ta' Emmenthal u Gruyiere u mill-Italja joħroġ il-famuż ġobon parmiġġan u li jasal għandna -sew fi blokka sħiħa kif ukoll maħkuk. Mill-Iskozja jiġi l-famuż ġobon Dunlop li jixbaħ ħafna lid-Double Glouchester. Popolari fostna huwa l-'Blue Cheese' jew kif ħafna jsibuh 'Tat-Tursina'. Dan il-ġobon insibuh taħt l-isem ta' Stilton, Gorgonzola, Dolcette, San Gaudenzio u Roquefort kif ukoll Blue Wensleydale. Popolari huma wkoll il-Bel Paese, Gouda u Edam. Dawn il-kwalitajiet ta' ġobon kollha nsibuhom fis-suq tagħna.

### IMBID

Barra l-ġobon hemm l-imbid. F'Malta għanda varjazzjoni kbira ta' mbejjed lokali u m'hemmx għalfejn wieħed joqgħod isemmihom. Ngħidu biss li huwa mportanti li jkollna mbid 'semi-sweet' fost il-kwalitajiet li nixtru għal dan il-party u dan biex żgur nolqtu l-gosti ta' kulħadd. Ta' min jissuġġerixxi wkoll li jkollna, anki jekk mhux l-imbid kollu, ftit kiesaħ (chilled) għax hawn min jippreferieh.

### IL-ĦOBŻ

Fl-aħħar insemmu l-ħobż. Dwar dan ma għandniex xi ngħidu wisq barra milli nirrikmanda l-ħobż Malti tagħna.

B'hekk għandna noħolqu party ftit differenti minn parties oħra li jinvolvi anqas flus u taħbiet kemm biex nippreparawh kif ukoll biex innaddfu wara li jispiċċa kollox.

### CASSATA ICE CREAM

**1 tin Ready-mix Ice Cream**
**4 ozs. chopped cherries**
**4 ozs. chopped peel**
**4 ozs. chopped walnuts**
**Few drops of almond essence.**

METHOD: Make up 1 tin ice cream as directed on tin. Add chopped peel, chopped cherries and almond essence, and a few of the nuts when the ice cream is removed for the second beating. Pour the ice cream mixture into a loaf tin and allow to freeze. Cut into slices and decorate with remaining chopped nuts. Serve immediately.

### IL-GRANITA

Il-granita hija ġelat ta' l-ilma Taljan u fl-Ingilterra kien jissejjaħ sorbet. Dan il-ġelat la hu solidu u lanqas likwidu u jikkonsisti minn meraq ta' frott biz-zokkor, frawli friska jew xi frott simili ieħor u anke mill-kafe.

Fi żmien il-gargantuan, dawn il-kwalitajiet ta' ġelati kienu jisservew f'nofs l-ikla biex iserħu l-istonku li kien ikun imbulmat.

Fl-Italja granita tfisser il-bidu tas-sajf. Tittiekel f'kull ħin matul il-ġurnata u bil-lejl u xi kultant mal-ħobż.

**AVVIŻ**

Dawk li jixtiequ jikkontribwixxu xi materjal għal pubblikazzjoni f'din il-Pağna jistgħu jagħmlu dan billi jibgħatuh lill-Bord Editorjali, "IL-PULIZIJA" M.P.A. Office, Police General H.Q., Floriana.




Is-skiet rispesta?

# GRISCTI'S

**of Republic Street — Valletta**

# THE EXPERT UNIFORM MAKERS

**302, Republic Street, Valletta - Telephone 6264566 - Telex 480 MINIAT**

---

# ROADHOUSE BUSKETT

**PRESENTS NIGHTLY - INTERNATIONAL CABARET**



LES MAGNIFIQUES — International Dancers



MR. BUNNY LEWIS — Female Impersonator

- ☆ **BARBRA RAY — Unique Comedy Ventriloquist**
- ☆ **THE CLIVELLS — Duo Latin American Adagio Dancers**
- ☆ **Local Folklore every Wednesday**
- ☆ **FESTA MALTIJA TAR-RAĦAL, every Monday (Brass band, fireworks)**

Book in advance to avoid disappointment

TELEPHONE 674233-626542

# PAGNA SPORTIVA

## minn ALFRED DEBATTISTA

### WORLD CUP 1978

Mingħajr dubju, l-aktar avveniment sportiv li seraq ix-xena matul ix-xahar li għadda kien il-Kampjonat Mondjali tal-Football li sar fl-Arġentina. Meta taslilkom din il-ħarġa, il-kampjonat ikun intemm u r-rebbieħa jkunu magħrufa. Għalhekk ikun żejjed li nagħti aktar tagħrif mal-ħafna li diġa' deher fil-ġurnali kemm lokali kif ukoll barranin. Xtaqt pero' li nwasslilkom xi tagħrif dwar statistika u punti interessanti li ħarġu minn dan il-kampjonat, il-ħdax-il wieħed fl-istorja tat-Tazza tad-Dinja.

Il-Brażil huwa l-aktar pajjiż li kien rappreżentat fl-edizzjonijiet kollha (11) u warajh jiġu l-Messiku b'għaxar dehriet. Wieħed mill-aqwa "bonus" li ġie mwiegħed kien dak tal-Brażil li offrew £M11.000 lil kull player jekk jirbħu l-kampjonat. Pero' l-aqwa "bonus" li ġie mwiegħed kien tak lit-team ta' l-IRAN li ġew imwiegħda £M20,000 kull player JEKK JIRBĦU LOGĦBA WAĦDA. L-ewwel goal tal-kompetizzjoni ġie skurjat minn LACOMBE ta' Franza li kontra l-Italja skorja wara biss 31 sekonda (sekonda waħda biss inqas mir-record ta' 30 sekonda li ġie skurjat fil-kampjonati ta' l-1938)

L-ixjeħ player tat-tournament kien il-goalkeeper ta' l-OLANDA JONGBLOED, waqt li l-iżgħar players kienu IWAN tal-Polonja u Sanches Martiquez tal-Messiku. Waqt li Jongbloed kellu 38 sena, it-tnejn l-oħra kellhom biss 19-il sena.

Għar-raba' sena wara xulxin, l-ewwel logħba li inawgurat il-kompetizzjoni spiċċat 'i draw. Ħaġa kurjuża kienet ukoll li fl-ewwel logħbiet, it-teams kollha li skurjaw l-ewwel, spiċċaw telliefa, bħal ma kien fil-każ ta' FRANZA kontra l-Italja; SPANJA kontra l-Awstrija; l-UNGERIJA kontra l-Arġentina; l-ISKOZJA kontra l-Peru u l-MESSIKU kontra t-Tuneżija.

Punt interessanti li ħareġ mill-Kungress waqt dawn il-kampjonati kien il-fatt illi għall-edizzjoni li jmiss, dak ta' l-1982 li għandu jsir fi SPANJA, hemm il-possibilta li t-nistoħu jdaħħlu team li jirrappteams li jieħdu sehem fil-Finali jiżdiedu minn sittax għal għoxrin jew aktar, kemm-il darba l-pajjiż li jorganizza jkun lest li jilqa' din iż-żjieda. Spanja diġa' uriet li tkun lesta li tilqa' din iż-żjieda kemm-il darba jkollha garanzija ta' aktar teams qawwija mill-EWROPA. Dan il-punt għandu jiġi diskuss aktar ma jgħaddi ż-żmien. Naħseb daqshekk biżżejjed dwar it-Tazza tad-Dinja, għax żgur li rajtu, qrajtu u smajtu biżżejjed.

### IT-TEAM TA' TAHT IL-21 SENA TAL-MINISTERU TA' L-ISPORTS

Ftit taż-żmien ilu, it-team taż-Żgħażagħ tal-Ministeru ta' l-Isports għamel żjara fl-Awstrija fejn lagħab ħames logħbiet. Minn dawn, il-Maltin rebħu tnejn, ġew draw darbtejn u tilfu waħda.

Forsi tistaqsu x'interess għandha din iż-żjara mal-Magazine tagħna. Dak li ġegħlni nirraporta dwar dan it-team kien il-fatt li fl-iskwadra Maltija kien hemm it-tfal ta' tlett membri tal-Korp. Dawn kienu JAMES HARRISON (it-tifel tas-Surġent 114 Harrison); JOHN CAMPBELL (it-tifel tas-Surġent 1038 Campbell) u ALPHONSE CAMILLERI (it-tifel ta' PC. 546 Camilleri). Meta ta' spiss nirrappurtaw dwar avvenimenti li fihom jieħdu sehem il-membri aktar anzjani tal-Korp, deherli li dan il-fatt kien ta' nteress għal qarrejja ta' din il-paġna. Fattur ieħor ta' interess kienet il-preżenza mat-team imsemmi ta' Dr. Joe CASSAR DELIA M.D. li huwa wkoll it-tabib tal-Korp. Kif taraw dan it-team kellu element pulizjesk, li ħajjarni nirrapporta dwaru.

Inkun grat lejn membri tal-Korp li jkollhom it-tfal tagħhom li jieħdu sehem f'xi sport li jinfurmawni. Barra li qarrejja ta' din il-paġna żgur jieħdu gost b'avvenimenti bħal dawn, dawn l-affarijiet jgħolqu varjeta għal din il-paġna biex tkun tista' ssir aktar interessanti.

### *ALEX BARBERI (Referee)*

Wieħed mill-aktar referees prominenti fil-Korp tal-Pulizija huwa, bla dubju ALEX BARBERI. (PS. 604).

Alex ikkwalifika bħala referee fl-1967 u minbarra fil-leagues tal-M.F.A . huwa rreffja wkoll f'ħafna Għaqdiet Sportivi bħal I.S.A., I.A.S.C., N.S.B., S.S.A., Malta Hotels kif ukoll fil-leagues tal-Pulizija, qabel ma daħal fil-Korp. Meta kien fl-R.A.F. irreffja diversi drabi fil-Combined Services League kemm f'Malta kif ukol barra. Meta daħal fil-Pulizija fl-1970 kellu jirreżenja minn mal-M.F.A. skond kif titlob id-Dixxiplina tal-Korp, pero' xorta baqa' attiv f'Għaqdiet oħra u meta f'dawn l-aħħar snin il-league tal-pjulizija ġie f'dat f'idejn ir-referees tagħna, Alex Barberi mhux biss kien ferm attiv bħala referee iżda kien ukoll inkarigat mill-"appointments". F'dawn l-aħħar sentejn, Alex irreffja wkoll logħob tal-kompetizzjoni "Football għal Kul-ħadd" kif ukoll f'Leagues Seven-a-side f'Beltissebħ u fl-Inter Dept. League li sar f'Notre Dame Ravelin, il-Furjana. F'dan il-league Alex kellu s-sodisfazzjon li jkun magħżul biex jirreffja l-Final li saret nhar il-21 ta' Diċembru, 1977 li saret taħt il-patroċinju tal-Onor. Ministru tal-Finanzi, u ismu, bħala Surġent tal-Pulizija, ġie muri fil-programm stampat għall-okkażjoni. L-aktar referees favoriti ta' ALEX huma Jack Taylor ta' l-Ingilterra u Concetto Lo Bello ta' l-Italja.

TKOMPLI P.20





# Malta in German I PA Magazine

The Visit of the German I.P.A. members in Malta in February 1978 given prominence in the German I.P.A. magazine.

Extract from the German I.P.A. magazine:

"Throughot The World.

Malta.

For the first time since it was established, the Maltese Section of the IPA, have entertained a large group of foreign IPA members. These people were colleagues from Munich and Kempten, who were paying a short visit to this Mediterranean Island. The climax of their stay was, undoubtedly, the extremely friendly reception given by the President of Malta, Dr A. Buttigieg, at Valletta.

Nevertheless, the friendly welcome by the Commissioner of Police, John N. Cachia at Police Headquarters, Floraina, will also be an occasion worth remembering during their stay.

Group delegations held discussions at which even the German Ambassador, Herr W. Hautal, was welcomed.

The visit by the people from Bavaria, had a positive reaction from the Press in Malta".



This photograph showing the Maltese Commissioner of Police being presented with painting of Munich from Willi Hault was also published in the German magazine.

# ITTRI

**Sur Editur,**

• Fil-25 ta' Jannar ta' din is-sena l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur J. Cachia ta uffiċjalment il-'Wings' il-ġodda bl-arma tal-Pulizija Maltija tiddomina fin-nofs, lit-tlett Piloti-Surġenti tal-Korp: S. Smith, J. Cachia u L. Muscat.

Dan huwa avveniment kbir fil-korp tal-Pulizija, u fl-istorja ta' Malta. L-ewwel għax qatt ma kellna fil-Pulizija dan il-kwalita' ta' xogħol u t-tieni għax nistgħu ngħidu li fil-kollezzjoni kbira ta' 'Wings' madwar id-dinja, hemm ukoll dik tagħna li tiżboq lill-isbaħ emblemi la nafu aħna.

Veru ħaqqu prosit il-Kummissarju preżenti għall-mod kif iddisinjaha u fuq kollox għall-kwalita' għolja ta' kif inħadmet. Żgur li ħadd qatt ma stenna li se tiġi sabiħa daqshekk, u b'mod speċjali meta tidher tirkaċċa fuq l-uniformi s-sewda.

Sa mill-bidu tan-1971 meta membri tal-korp bdew u spiċċaw b'suċċess kors fil-Ġermanja fuq il-pilotaċċ tal-Helicopters, inħasset il-ħtieġa li tinħoloq 'Wing' li tkun tagħna l-Maltin. Kemm-il darba saru lmenti dwar dan u issa li x-xewqa inqalgħet, hu tassew xieraq li ssir apprezzament lill-awtorita fuq il-magażin tagħna 'Il-Pulizija'.

Ta' min isemmi wkoll li fuq talba tal-Kummissarju, l-R.A.F. stazzjonati f'Ħal-Luqa, għamlet għotja ta' tlett 'Flying-suits' tal-aqwa klassi, u li dawn rajnihom milbusa mill-Piloti tagħna nhar Jum Ir-Repubblika, jiġifieri fit-13 ta' Diċembru li għadda, u li qatgħu figura mill-isbaħ, grazzi għall-inizjattiva immedjata tas-superjuri tagħna.

Irrid nieħu din l-okkażjoni biex nagħti prosit lill-Editur u lil kull min għandu sehem fil-pubblikazzjoni ta' dan il-magażin, il-fjamma li turi l-ħajja tal-korp tagħna.

**P.S. J.T. Cachia.**

TKOMPLI MINN P19

Ta' min isemmi illi barra mir-refereeing, Alex huwa attiv ferm fil-qasam tal-Physical Training fejn anke għen diversi drabi fit-training tat-team tal-Football tal-Pulizija u fit-training tar-rekluti u huwa attiv ferm ukoll fl-isport tal-basketball.

Minn dawn il-kolonni, f'isem l-isportivi tagħna nsellem lill-Alex tax-xogħol siewi li ta fil-qasam sportiv u nawguralu aktar suċċess għal ġejjieni.

Winners of Crossword 1.
Miss V. Buttigieg, P.H.Q.
Miss J. Vassallo, P.H.Q.
Mrs. E. Camilleri
23, Mannarino Rd., B'Kara

## SOLUTION

*ACROSS:—*

1. Pistol; 5. Entrap; 8. Macaroon; 9. Helm; 10. Gar(bage); 13. Hinge; 14. Veins; 19. Mini (Skirt); 20. Echo; 21. Burglars; 22. Assail; 23. Reside.

*DOWN:—*

2. Investigations; 3. Tommy; 4. Locks; 5. Epoch; 6. Tango, 7. A Bird In The Hand (is worth two in the bush); 11 & 12. Revolver; 15. Libra; 16. April; 17. Starr; 18. Nests.